MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 1390/2011

Il-Pulizija
(Sp Sylvana Briffa)
vs
Donna Abela, bint Michael, imwielda Pieta' fis-26 ta' Mejju, 1990, karta ta' l-identita numru 254890(M)
u
Clayton Cassar, iben Grazio, imwieled Ħaz-Zabbar fil-11 ta' Lulju, 1989, karta ta' l-identita numru 328889(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli fil-21 ta' Awwissu, 2011 għal ħabta ta' bejn l-10.30 a.m. u is-1.30 p.m. minn quddiem il-'Kaw Kaw Kiosk', Triq is-Salini, Marsaskala ikkomettew serq ta' żewġ bankijiet li l-valur tagħhom jeċċedi l-€232.94 għad-dannu ta' Mario Lia, liema serq hu kkwalifkat bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li ż-żewġ bankijiet jiswew €232.94 u ġew ritornati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta tal-imputati. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ebda wieħed mill-imputati ma jikkomettu reat ieħor fi żmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------